MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 358/2010

Kawza fil-lista: 1

**A B**
**vs**
**C B; l-Avukat Dottor Mark Busuttil**
**u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer nominati**
**kuraturi deputati**
**biex jirrapprezentaw lill-minuri D B; E B;**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li hu l-missier bijologiku tal-minuri D B minn relazzjoni li huwa ghandu mal-intimata C B li isseparat minn ma' zewgha permezz ta' separazzjoni konsenswali; li minhabba prezunzjoni *'iuris tantum'* li hemm fil-ligi, l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku irregistra bhala l-

missier fuq l-att tat-twelied lil zewg l-intimata C B u cioe l-intimat l-iehor E B; u ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti: [1] tiddikjara li l-intimat E B m'huwiex il-missier naturali u bijologiku tal-minuri D B; [2] tiddikjara lilu A B bhala l-missier naturali u bijologiku ta' D B; [3] tordna l-korrezzjoni konsegwenzjli fl-att tat-twelied 3103/10, tal-minuri D B billi fil-hames kolonna tal-istess Att titnehha l-frazi 'E B (Pieta Malta)' u tidhol il-frazi 'A B (Pieta Malta)'; u [4] tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku halli johrog att tat-twelid iehor hekk kif korrett; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata prezentata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, u li tinsab inserita a fols.43 sa 44 tal-process, li biha fis-sustanza rrisponda li jehtieg li jigu pruvati r-rekwiziti kontemplati fl-artikoli 77 u 81 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; u li hu m' ghandux jehel spejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li permezz taghha ddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz;

Rat in-nota tal-konvenut E B li jaqbel mat-talbiet attur fis-sens illi l-minuri D B mhuwiex wild bijologiku tieghu;

Rat ir-rapport tad-DNA prezentat, u mahluf mill-awturi tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qieghed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li l-minuri D B, registrat bil-kunjom B u li twieled mill-konvenuta fl-23 ta' Settembru 2010, mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut E B, izda ta' l-attur A B; u wkoll li ssir id-debita korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri, numru 3013/2010

Illi mill-provi jirrizulta li l-attur kien beda relazzjoni intima u sesswali mall-konvenuta C B li kienet mizzewga lill-konvenut E B u li illum hija separata minnu permezz ta' kuntratt.*;* irrizulta illi minn din ir-relazzjoni kellhom tifel bl-

isem D B u *'peress illi dan twieled mitejn u erbgha u disghin gurnata wara minn meta saret is-separazzjoni taghha, ibni gie rregistrat fl-att tat-twelied bhala iben E B';* pero' l-attur hu cert li hu l-missier bijologiku ta' l-istess tifel.

Illi l-verzjoni ta' l-attur tinsab korroborata mill-konvenuta C B li zzied li kienet qatghet *'kwalunque kuntatt fiziku minn ma' E B f'Gunju tas-sena 2009' (*Fol 64); tghid li hi minn dejjem kienet taf li D B huwa iben l-attur.

Dan jinsab korroborat mir-rizultanzi tat-testijiet tad-DNA li jikkonferma li l-attur huwa l-missier naturali tat-tarbija .

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet tal-attur huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghaldaqstant tilqa' t-talbiet ta' l-attur, u tiddikjara li l-minuri D B mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut E B izda huwa l-wild bijologiku ta' l-attur A B; tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-imsemmi att tat-twelid fit-termini tat-tieni talba;

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attur u mill-konvenuta C B , konguntivament bejniethom fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------